# Purċissjonijiet li għadhom ħajjin biss fl-istorja

F'kitbiet oħra ta' din ix-xorta wrejt kemm tul dawn l-aħħar ħamsin, sittin sena d-dinja nbdilet mil-lejl għan-nhar, u dan anke mill-aspett reliġjuż. Il-Knisja, min-naħa tagħha, ma tagħmilx ħażin jekk timxi maż-żminijiet, dejjem waqt li żżomm il-prinċipji fundamentali tagħha. Bħala għaqda ħajja l-Knisja ma tistax tgħaddi mingħajr il-bidla, għax fid-dinja hu biss dak li m'għandux ħajja li jibqa' ma jinbidilx. Fl-istess waqt wieħed irid jammetti li ċerti tibdiliet isiru wkoll minħabba ċirkostanzi li l-knisja ma jkollhiex kontroll fuqhom u għalhekk kull ma tkun tista' tagħmel hu li taddatta ruħha għaċ-ċirkostanzi l-ġodda wara li bħala 'omm' tara x'ikun fl-aħjar interess ta' wliedha.

Fil-ħarġa numru 130 (2003) tal-fuljett TARXIEN kont ktibt dwar purċissjonijiet Ewkaristiċi li llum spiċċaw għal kollox. Illum ser nagħti ħarsa lejn tliet purċissjonijiet oħra li kienu jsiru fi żmien l-Għid il-Kbir, imma li llum saru sempliċiment tifkiriet ta' l-imgħoddi.

## F'Nhar San Mark

Il-festa ta' San Mark, Evanġelista, tiġi fil-25 t'April. Fi tfuliti kont tisma' lil min jgħid: "Illum ibierku riħ". Ngħid is-sewwa, min jaf kemm maħħaħt għax ma stajt nifhem qatt għaliex il-Knisja toħroġ tbierek ir-*riħ*. Imma aktar tard sirt naf, li fil-fatt nhar San Mark kienu jitbierku l-uċuħ tar-raba', u mhux ir-riħ!

Għal xi s-sitta ta' filgħodu kienet tindaqq mota qasira u ftit wara kienet toħroġ purċissjoni li fiha kienu jieħdu sehem l-abbatini u l-qassisin; kollha libsin is-suttana, l-ispellizza, u l-berettin. Il-kappillan kien jilbes stola u kappa bojod. Quddiem kien ikun hemm is-Salib tal-Kleru b'żewġ akkolti, waħda fuq kull naħa.

Il-purċissjoni kienet toħroġ mill-Knisja Parrokkjali, tgħaddi minn Triq il-Kbira u tieqaf maġenb is-Salib tad-Dejma, li dak iż-żmien kien f'salib it-toroq faċċata fejn illum hemm il-bank HSBC. Matul it-triq kienet titkanta l-Litanija tal-Qaddisin, magħrufa bħala l-Litanija t-Twila, imbagħad kienet issir talba bil-Latin, u l-Kappillan kien ibierek bl-asperges l-erba' direzzjonijiet differenti. Wara l-purċissjoni kienet terġa' lura lejn il-knisja.



*San Mark l-Evangelista – pittura ta' Ġużeppi Calì fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien*

## Ir-Rogazzjonijiet

Sa ftit snin ilu, il-festa tat-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej – Lapsi – kienet tkun iċċelebrata erbgħin jum wara l-Għid il-Kbir li dejjem jaħbat il-Ħamis. Tlett ijiem qabel kienu jsiru r-Rogazzjonijiet, li kienu speċi ta' tħejjijiet għal din il-festa kbira.

Matul il-jiem tat-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa kienu jsiru tliet purċissjonijiet mill-Knisja Parrokkjali; tnejn lejn il-Kappella ta' San Bert u waħda lejn il-Kappella ta' Santa Marija. Kienu jieħdu sehem l-abbatini u l-kleru. Il-Kappillan din id-darba kien jilbes ir-rukkett, il-muzzetta u l-istola vjola filwaqt li l-qassisin u l-abbatini kienu jkunu bis-staten, bl-ispellizzi u bil-berettini. Għal darboħra kulħadd kien jimxi wara s-Salib tal-Kleru bl-akkolti miegħu.

Fit-triq kienet titkanta l-Litanija tal-Qaddisin. Meta l-purċissjoni kienet tasal ħdejn il-kappella partikolari kienet titkanta l-antifona '*Exurge, Domine, adjuva nos et libera nos propter nomen tuum.*' – 'Fittex ejja, Mulej, għinna u salvana f'ġieħ l-isem imqaddes tiegħek'. Lura l-knisja, kienet issir quddiesa letta biċ-ċelebrant jilbes paramenti sagri vjola.

Jingħad li dawn it-tipi ta' pellegrinġġi pentinenzjali kienu jsiru bħala sinjal ta' ndiema biex il-Mulej ibiegħed mid-dinja diżastri bħal mard u terremoti, kif ukoll biex titbierek l-art ħalli din tagħti l-frott meħtieġ.



It-Tlugħ fis-Sema tal-Mulej – pittura ta' Ġanni Vella fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien

## Il-Vjatku

Fiż-żminijiet tal-lum, meta xi ħadd ma jkunx jista' joħroġ minn daru minħabba każ ta' mard, Ġesù Ewkaristija jitwassallu b'mod privat minn xi saċerdot jew Ministru ta' l-Ewkaristija, iżda fl-antik dan kien isir b'mod aktar solenni permezz tal-vjatku. Dan kien isir f'kull ħin tal-ġurnata, barra tard bil-lejl jew fil-maltemp.

Dari l-vjatku kien isir mill-kappillan jew mill-Viċi tiegħu. Is-saċerdot kien jilbes spellizza u stola bajda u jġorr l-Ewkaristija f'borża ċkejkna mdendla m'għonqu. Imbagħad kien jilbes kappa sewda jew kowt li soltu jilbsu fix-xitwa l-qassisin. Ġieli kien ikun hemm jakkompanjah xi tifel bl-asperges f'idu. Hekk kif in-nies kienet tilmaħhom, bosta kienu jinżlu għarkopptejhom jew jagħmlu xi sinjal ieħor b'qima lil Ġesù Ewkaristija waqt li jlissnu xi talba ċkejkna. Dan it-tip ta' vjatku kien jissejjaħ 'tal-morda' għax is-saċerdot kien imur iqarben li dawk li ma kinux joħorġu minn djarhom minħabba mard serju.

Il-vjatku tal-moribondi kien xi ħaġa oħra. Kienu jindaqqu tokki bil-qanpiena l-*qadima* u minnufih tfal u kbar erħilhom jerħulha lejn il-knisja; it-tfal biex jilħqu xi fanal u l-kbar biex jaqtgħu l-kurżità dwar min kien wasal biex iħalli din id-dinja.

Fuq quddiem kien ikun hemm stendard aħmar u tifel idoqq qanpiena mdaqqsa li d-daqq tagħha kien jinstama' minn erba' kantunieri bogħod. Warajhom kienu jimxu t-tfal u l-abbatini bil-fanali f'idejhom. Il-qassis kien ikun taħt umbrella miżmuma minn fratell tas-Sagrament. Mill-knisja sad-dar tal-moribond kienu jitkantaw innijiet ewkaristiċi u fit-triq lura lejn il-knisja kien jitkanta t-Te Deum.

Tajjeb li wieħed jgħid, li meta l-moribond kien ikun saċerdot, il-purċissjoni kienet tieħu forma aktar solenni. Kienu jieħdu sehem il-fratellanzi u ċ-Ċelebrant kien ikun bil-kappa bajda akkompanjat minn żewġ ministri bit-tuniċella bajda wkoll. Flok umbrella kien ikun hemm il-baldakkin. Hekk kien isir almenu fil-parroċċa tagħna; u dan jien ilħaqtu tajjeb.

Sakemm is-saċerdot kien ikun jamministra l-aħħar sagramenti, il-ġemgħa kienet tkun barra titlob għall-bżonnijiet spiritwali u temporali tal-moribond/a. Lura l-knisja kienet dejjem tingħata l-barka sagramentali.

Bħalissa qiegħda tiġini f'moħħi l-poeżija 'Il-Vjatku' ta' Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali tagħna. Hija poeżija tabilħaqq sabiħa u nħeġġeġ lil dawk li qatt ma qrawha biex ma' l-ewwel ċans li jkollhom jagħtuha daqqa t'għajn għax żgur li jieħdu gost bid-deskrizzjoni u bir-riflessjonijiet ħelwin li fiha.

Dawn it-tliet purċissjonijiet, lilna l-kbar ta' ċerta età, ifakkruna f'tibdil ieħor li sar fl-aspett reliġjuż Malti. Iżda kif dejjem emmint, tkun ħaġa tajba li dawk il-funzjonijiet ta' dari ma jintilfux. Għax wara kollox, dawk kienu jagħmlu parti wkoll mill-ħajja soċjali tal-poplu tagħna. Għalhekk, tajjeb ħafna li jinkitbu biex jgħaddu għand dawk li ma jiftakruhomx, u b'hekk ma jmutux u jintesew qishom qatt ma eżistew.

Alfred Massa



It-Tużellina li fuqha kien jitpoġġa Ġesù Ewkarisitja qabel il-Vjatku solenni.

